# Restawrata pittura tas-Seklu 19 f'Palazzo Falson

## Il-pittura ta' Santa Katerina kienet restawrata fl-appoġġ ta' Island Insurance Brokers





Pittura żgħira tas-seklu 19 ta' Santa Katerina li tinstab imdendla fil-kamra tas-sodda ta' Palazzo Falson fl-Imdina għadha kemm kienet restawrata grazzi għal sponsorship minn Island Insurance Brokers.

L-għajnuna lejn dan ir-restawr, li sar mill-kumpanija Prevarti, waslet minn Island Insurance Brokers bħala kumpanija li ilha ħafna tgħin lill-Fondazzjoni Patrimonju Malti.

"L-isponsorship tagħna mhux biss ikompli jsaħħaħ ir-rabta li teżisti bejn Island Insurance Brokers u l-arti iżda tirrappreżenta wkoll in-negozju tagħna fejn noffru protezzjoni permezz ta' assigurazzjoni lil uħud mill-iżjed kumpaniji prestiġjużi f'Malta," qal Lawrence Pavia.

"Il-pittura, li nstabet bid-data 1870, hija ta' artist mhux magħruf. Għaldaqstant, hija parti minn waħda mill-iżjed kollezzjonijiet storiċi prestiġjużi f'Malta u kburin li kellna din l-opportunità biex ngħinu lill-Mużew ta' Palazzo Falson u nidħlu għal dan il-proġett ta' restawr bżonjuż," żied jgħid Lawrence Pavia.

Il-pittura fuq l-injam li turi lil Santa Katerina bi ktieb f'idejha, għaddiet minn proċess ta' tindif u mbagħad ġiet studjata permezz tal-fotografija UV.

Imbagħad sarilha x-xogħol ta' restawr u konservazzjoni fejn diversi biċċiet nieqsa reġgħu twaħħlu f'posthom u tlesta x-xogħol kollu ta' ritokkjar.

Sinifikanti wkoll huwa l-gwarniċ kbir ta' din il-pittura li wkoll tnaddaf u kien irtokkjat sakemm fl-aħħar ingħata lega protettiva.

Hija u tirringrazzja lil Island Insurance tal-għajnuna, il-Kuratur tal-Mużew ta' Palazzo Falson Caroline Tonna saħqet li hu grazzi għall-għajnuna ta' kumpaniji bħal Island Insurance li l-wirt storiku u kulturali ta' pajjiżna jista' jibqa' mħares sabiex jitgawda minn kulħadd.

"Kburin li lestejna proġett ieħor bżonjuż ta' restawr u nittamaw li iżjed kumpaniji jitħajru jgħinuna fil-proġetti li għandna għal dan il-Mużew," qalet il-Kuratur tal-Mużew Caroline Tonna.







*Ir-ritratti f'din il-paġna juru waqtiet waqt ix-xogħol ta' restawr u l-pittura lesta fir-ritratt ta' fuq, lemin.*